KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

14 ta’ Novembru 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-tlieta u sittin (63) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-tlieta u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 7 ta’ Novembru fis-5.45pm.**

It-tlieta u sittin (63) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b’din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-ahhar ta’ 31 ta’ Settembru 2011
6. Stazzjoni tal-ferrovija tal-Floriana
7. Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun
8. Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta’ Lejlet l-Ewwel tas-Sena
9. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2012
10. Asfaltar ta’ Toroq
11. Jum il-Housing 2012
12. Tqassim tar-rigali fil-Milied
13. Għażla tal-offerti :

    FLC/T/07/11 - Drittijiet ta’ Esklussivita’ ghall-bejgh ta’ ikel u xorb
    FLC/T/08/11 - Servizz ta’ Organizazzjoni u Set-up fic-Celebrazzjonijiet ta’ Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant’Anna

14. Ħwejjeg Oħra
15. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-Tlieta u Sittin (63) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mal-Agent Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma. Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru. 1.4. Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru 10.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-minuti tat-tnejn u sittin (62) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Agent Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Agent Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland xtaq jiehu l-opportunita' li jirringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv K.Brincat tax-xoghol siewi tieghu f'dawn l-ahhar hdax-il sena ta' hidma. Huwa kompla billi f'isem il-Kunsill, awguralu success kemm fil-karriera tieghu kif ukoll fil-hajja personali tieghu. Il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqu jinghaqdu mas-Sindku biex jirringrazzjawh tal-ghajnuna tieghu u tax-xoghol siewi li ghamel. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lill-Kunsill u awgura lill-Kunsilliera kollha l-isbah xewqat fil-karriera politika taghhom.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li gie avvicinat mill-iskrivana Denyse Scerri li talbet li tibda tigi skuzata minn saghra matul il-gimgha minhabba li dawn is-sieghat zejda qed jahbtulha m'impenji ohrajn. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonsulta maghha qabel ma jiehu decizjoni finali.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-multa li wehel il-Kunsill minhabba nuqqas ta' tindif fit-Telgha tal-Kurcifiss u l-madwar. Huwa nforma lill-Kunsill li kellu laqgha mal-Cleansing Department fejn kienet giet diskussa din il-penali u kien anke gie nformat li din it-triq baqghet mhux qed titnaddaf. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-kuntrattur dwar dan in-nuqqas.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill itella' attivita' kulturali fil-Festa ta' San Publju ta' Jannar 2012 konguntament maghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonsulta maghhom biex jigi ddeterminat ezatt x'qed jigi propost biex ikun is-sehem tal-Kunsill f'din l-attivita'.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Amateur F.C. fejn offrew li jorganizzaw attivita' konguntament mal-Kunsill bl-isem ta' Darts Ranking Tournament li jammonta ghal madwar €600. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jorganizza dan it-turnament konguntament mal-Floriana Amateur F.C. ghal spiza li ma teccediex l-€400.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand JS Productions biex jigi organizzat cirklu. Huwa nforma li kien gie avvicinat minn diversi entitajiet fosthom il-Valletta Business Committee fejn talbu li l-Kunsill joggezzjona ghal din it-talba minhabba li dan ic-cirklu kien ser jiehu spazji ta' parkegg li jaghmlu uzu minnhom in-nies li jidhlu l-Belt Valletta b'konsegwenza li dan ser inaqqas il-bejgh ghan-negozji tal-Belt. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu joggezzjona ghal dan ic-cirklu peress li din l-istess zona ntuzat minn bosta organizzaturi ohrajn bil-kunsens tal-Gvern, b'kundizzjoni li ma jithallewx trailers mad-dawra tal-Fosos u li jsir it-tindif necessarju. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob depozitu qabel

ma tittella' l-attivita'.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Justin Haber li talab il-permess tal-Kunsill biex johloq akkademja tal-futbol fejn jaghmel uzu mit-tennis court u mill-picc sintetiku li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li ma jhossx li hu sew li jitnehha t-tennis court u anke minhabba l-fatt li l-picc sintetiku huwa l-unika post bla hlas fejn jistghu jiddevertu t-tfal Furjanizi.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Amanda's Cafe and Bar fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iqeghdu zewg imwejjed taht il-bankina fi Triq San Tumas. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni diment li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-awtoritajiet kompetenti u l-applikant ikun responsabbli ghas-sigurta' tal-klijenti tieghu u jithalla passagg ghan-nies fuq il-bankina.

**Nota: 19:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. fejn talbu permess ghall-inawgurazzjoni tal-kazin fi Triq San Publju nhar it-12 ta' Novembru 2011. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. Nursery fejn talbu permess biex jibdew jaghmlu uzu mill-picc sintetiku kull nhar ta' Tlieta bejn il-5.30 u s-7.00pm. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 19:07 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega attenda ghal-laqgha.**

2.11 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'korrispondenza minn Transport Malta rigward it-talba tal-Kunsill ghal sebgha parking bays taht l-iskema ta' parkegg residenzjali quddiem il-Librerija Pubblika. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga japplika ghal dawn l-ispazji u li l-hinijiet ristretti jkunu konformi mal-hinijiet tal-ftuh tal-Librerija Pubblika.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'talba minn Transport Malta biex it-triq ta' quddiem id-Dipartiment tal-Licenzji issir two-way bejn l-10pm u l-4am. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'korrispondenza minn Transport Malta rigward talba biex issir communal disabled parking bay fi Triq l-Assedju l-Kbir. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li diga hemm communal disabled parking bay f'din it-triq.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn resident rigward ix-xoghol hazin li sar fil-bankina ta' Pjazza San Kalcidonju. Il-Kunsill qabel li ghandu javvicina lill-kuntrattur u jitolbu jirranga n-nuqqasijiet irraportati.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-moviment Kerygma fejn informaw lill-Kunsill bil-"Premju Zaghzugh tas-Sena" u offrew lill-Kunsill l-opportunita' li jinnoma lil xi hadd ghal dan il-premju. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' l-offerta' taghhom u jikkunsidra lil min jista' jinnomina.

**Nota: 19:35 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Karl De Flavia u s-Sur Glenn Hili fejn informaw li kienu ser jitterminaw il-kuntratt tal-kiri tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob parir legali mill-avukat tal-Kunsill.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza sabiex il-Kunsill jiehu hsieb il-kiri tal-barriers ghall-attivita' li ser issir fuq il-Fosos fit-12 ta' Novembru 2011. Il-Kunsill qabel li jiehu hsieb jordna l-barriers sa massimu ta' €500.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku kif kien baqa' l-Kunsill rigward il-garaxx offrut lilu mill-Housing Authority. Is-Sindku wiegeb li kien ikkuntattja lid-Dott. Buttigieg rigward liema garaxx ser jigi offrut lill-Kunsill izda kien ghadu ma nghatax twegiba.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-istedina li ntbaghtet lill-President George Abela u saqsa x'kienet tinvolvi l-istedina. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien stieden lill-President George Abela ghal zjara ufficjali nhar il-Hadd 22 ta' Jannar 2012.

**Nota: 19:55 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**
**19:55 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

**Il-laqgha giet sospiza minhabba nuqqas ta' kworum.**

**Nota: 20:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega attenda ghal-laqgha.**
**20:05 Is-Sindku Nigel Holland rega attenda ghal-laqgha.**

**Il-laqgha tkompliet.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **58-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, l-Agent Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 10052 sa 10090.

4.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jzomm ic-cekk numru 10072 pagabbli lis-Sur Karl De Flavia minhabba li x-showcases kienu ghadhom ma waslux sal-bidu tal-laqgha, ic-cekk numru 10085 pagabbli lis-Sur Dion Galea minhabba li x-xoghol ma kienx sar b'mod soddisfacenti u c-cekk numru 10079 pagabbli lil Weproductions Ltd. minhabba li s-CDs u d-DVDs ordnati kienu ghadhom ma waslux. Il-Kunsill approva li dawn il-pagamenti jsiru malli l-kuntratturi jirratifikaw in-nuqqasijiet imsemmija.

4.4 Il-Kunsill qabel ukoll li c-cekk nru 10082 pagabbli lil Streetcom ghandu jigi kkancellat minhabba li kellu jkun hemm skont ta' €20.00.

4.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg, ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9990 sa 10090, bir-rizultat:

Favur: 4 (VB, ET, NH, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.6 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, mill-Agent Segretarju Ezekuttiv u minn zewg kunsilliera.

4.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex jigi approvat il-pagament tal-billboards total ta' €1160 fl-iskeda li jmiss, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, ET, NH, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-ahhar ta' 31 ta' Settembru 2011

5.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba li l-accountant inkarigat mill-Kunsill kien ghadu ma bghatx ir-Rapport Finanzjarju sal-ahhar tal-31 ta' Settembru 2011.

## 6.0 Stazzjoni tal-ferrovija tal-Floriana

6.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-ftuh tal-mina dakinhar tal-attivita' Genna ta' Gonna...u hafna aktar!! Kien qajjem interess kbir fost il-pubbliku fejn hafna talbu li terga' ssir xi tip ta' *open day* ohra fejn l-istazzjon tal-ferrovija jerga jinfetah.

6.2 Il-Kunsill qabel li l-ftuh tal-istazzjon tal-ferrovija kien success kbir izda ma qabilx li ghandu jerga jtella' open day ohra minhabba ragunijiet finanzjarji.

## 7.0 Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljun

7.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill rigward ix-xoghol ta' bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti c/w Triq l-Iljun u kien talbu li ssir laqgha mieghu flimkien mas-Sindku.

7.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattjah u jitlob laqgha mieghu nhar il-Erbgha fil-11.30am.

## 8.0 Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena

8.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar tard wara li jsir il-ftuh tal-offerti.

8.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li kien gie nformat mill-Middlesea Insurance plc. li kienu offrew sponsorship ta' €1600 lill-Kunsill ghall-attivita' Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna.

## 9.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2012

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ressaq korrispondenza minghand Leon Promotions fejn ipproponew li jinbidlu xi whud mill-kundizzjonijiet tal-edizzjoni li jmiss tal-Festival tal-Loghob tan-Nar Mekkanizzat.

9.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra l-proposti tal-partecipanti u jilqa' l-proposti taghhom fejn hu possibli.

9.3 Rigward it-talba li s-sussidju ghal kull raddiena jitla ghal €400, il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel ezercizzju biex f'kaz li jikkunsidra din il-proposta ghandu jara x'jista' jnaqqas mill-ispejjez l-ohrajn.

9.4 Il-Kunsill qabel nem.con li jerga jikkuntratta lis-Sur Noel Castillo ghall-edizzjoni li jmiss

tal-Festival tal-Loghob tan-Nar Mekkanizzat.

## 10.0 Asfaltar ta' Toroq

10.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

10.2 Il-Kunsillier Vincent Borg beda billi semma l-bollards li tnehhew minn hdejn l-Ambaxxata Amerikana fil-jiem li ghaddew u saqsa jekk il-wicc tat-triq kienx ser jitranga mill-kuntrattur stess jew jekk kienx ser jinghata t-tarmac mill-Kunsill. L-Agent Segretarju Ezekuttiv irrisponda li l-kuntrattur imqabbad mill-Ambaxxata kien ser jaghti t-tarmac lill-partijiet li fihom kellhom il-barriers biss.

10.3 Is-Sindku saqsa r-raguni ghalfejn ghadu ma nbediex ix-xoghol f'Misrah Papa Gwanni XXIII.

**Nota: 20:25 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

10.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jwahhal penali skont kif stipulat fil-kuntratt, lill-kuntrattur tar-road surfacing talli kien ghadu ma bediex ix-xoghol minkejja li kien gie moghti iktar minn sittax-il gimgha cans.

## 11.0 Jum il-Housing 2012

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li rega wasal iz-zmien biex bhal kull sena, il-Kunsill jorganizza konferenza stampa ghal Jum il-Housing li jigi ccelebrat fis-16 ta' Jannar 2012.

11.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li din id-darba, il-konferenza stampa tittella' quddiem bini abbandunat bhal m'hu dak fi Triq il-Kapuccini.

11.3 Il-Kunsill qabel li s-suggett tal-konferenza li jmiss ghandu jkun jiffoka fuq il-bini abbandunat fil-Floriana fejn jigu ssuggeriti mizuri li jistghu jittiehdu mill-Gvern biex jissussidja l-bini vakanti sabiex tissolva l-problema tal-hafna bini abbandunat li hemm fil-Floriana.

**Nota: 20:35 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 12.0 Tqassim tar-rigali fil-Milied

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie informat li l-Grupp Abbatini San Publju kienu ser jorganizzaw tqassim tar-rigali dakinhar tal-Milied.

12.2 Il-Kunsill qabel li ma jorganizzax it-tqassim tar-rigali fil-Milied kif kien ippjanat minhabba li hass li mhux sew li tigi organizzata l-istess attivita' ladarba t-tqassim tar-rigali kien ser isir minn ghaqda Furjaniza ohra.

**Nota: 20:40 Il-Kunsillier Edward Torpiano irritorna ghal-laqgha.**

## 13.0 **Għazla tal-Offerti:**

### 13.1 **FLC/T/07/11 - Drittijiet ta' Esklussivita' ghall-bejgh ta' ikel u xorb**

13.1.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Daniel Attard fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-iktar offerta' favorevoli, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, ET, NH, FD, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.2 **FLC/T/08/11 - Servizz ta' Organizazzjoni u Set-up fic-Celebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna**

13.2.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' ma' DJS Trading Ltd. li kienu l-uniku offerent, u jitkellem maghhom qabel ma jiehu decizjoni fuq l-ghazla tal-offerti.

## 14.0 **Ħwejjeġ Oħra**

14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn grupp ta' persuni li offrew li jiehdu hsieb it-tindif tal-picc tal-bocci bla hlas. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu jiltaqa' maghhom qabel ma tittiehed decizjoni finali.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien qed jingema l-ilma fit-tennis court meta taghmel ix-xita. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja jekk hux mizdud id-drain qabel ma jiehu passi ulterjuri.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li magenb il-Polverista kien hemm sigar li kienu qed jaghmlu hsara lis-sahha ta' xi residenti fil-madwar minhabba li kienu qed jikkawzawlhom allergija. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima sabiex dawn is-sigar jinqatghu u jitbexxu.

14.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn proprjetarju ta' stationery fil-Floriana li esprima d-dizappunt tieghu li l-Kunsill ma jixtriex l-affarijiet ghall-ufficcju minghandu ghalkemm insista li joffri prezzijiet kompetittivi. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-offerti ghal xiri ta' oggetti ghall-ufficcju sabiex jibda jixtri dejjem minghand l-istess kuntrattur.

14.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet innotat li fi Gnien il-Mall kien qed ikun hemm agregazzjoni ta' xufiera tal-Arriva u b'konsegwenza kien qed jithalla hafna skart . Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Arriva u jinformahom bis-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk is-sitwazzjoni ma tigiex irrimedjata, ghandu jiehu passi legali.

14.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-Kunsill Malti ghall-iSports kienu talbu lill-Kunsill jinformahom meta kienu ser jigu organizzati l-korsijiet tal-aerobics u l-pilates. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom li l-Kunsill kien ser jorganizza biss il-kors tal-pilates minhabba li diga kienu qed jittellghu korsijiet tal-aerobics fid-Dar tal-Kunsill.

**Nota: 21:15 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 15.0 **Aġġornament tal-laqgħa**

15.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 18 ta' Novembru fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.25.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Agent Segretarju Ezekuttiv |